**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jason Zammit**

Numru: 49/2017

Illum 27 ta' Marzu 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jason Zammit,** ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled Rabat, Ghawdex fid-29 ta' April 1974, residenti fil-fond 'Jassyl', Triq Kemuna, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 10174(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' Marzu 2016 u fil-gimghat ta' qabel;

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €1,700 u

dan għad-dannu ta' Francis Anthony Page u persuni oħra, u dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kiser ordni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) nhar is-6 ta' Jannar 2016;

3. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definittivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 80) datata 7 ta' Frar 2018 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Jason Zammit biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) Fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 81), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Frar 2018, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet il-provi;

Semgħet sottomissjonijiet finali da parte tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri għall-Prosekuzzjoni u da parte ta' Dr. Joseph Grech għall-imputat.

**Il-fatti speċie tal-każ**

Dan il-każ beda jkun investigat mill-pulizija wara kwerela li saret mill-kwerelant Francis Anthony Page datata l-1 ta' Awwissu 2016[1]. L-ilment

[1] Dok BCS 3 a fol. 7

principali kien li l-kwerelant xtara dghajsa li kellha n-numru ta' registrazzjoni S-16940 minghand *dealer* tal-vetturi l-imputat Jason Zammit. Jirrizulta li nholqot problema biex isir it-trasferiment ta' din id-dghajsa fuq Francis Anthony Page ghaliex kien hemm mandat fuq is-sid originali taghha. Kienet mart id-decedut, Dorianne Micallef li saret taf b'dan il-mandat wara l-mewt ta' zewgha. Waqt dawn il-proceduri hareg li d-dghajsa giet registrata fuq il-kwerelant fil-21 ta' Lulju 2017[2] ferm qabel bdew dawn il-proceduri.

Il-prosekuzzjoni tat lill-Qorti x'tifhem li ghalkemm ma kinitx temmen li kien hemm kaz kriminali fil-konfront tal-imputat Jason Zammit huma mexxew bil-kaz minhabba pressjoni li kien qieghed jaghmel il-kwerelant.

Il-Qorti terga' taghmilha b'mod car li l-pulizija jekk temmen li m'hemmx kaz biex tmexxi kontra persuna m'ghandiex taghmel dan ghax ikun hemm xi pressjoni gejja minn fejn gejja. U jekk persuna temmen tassew li l-pulizija kellha tiehu passi kriminali kontra xi hadd u dan ma sarx ghanda r-rimedju tal-Isfida lill-Kummissarju dik maghrufa bhala c-*Challenge*.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

[2] Ref No. NPS 10/Z/2823/2017 a fol. 44 et seq.

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta'

gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex previsti mill-Kodici Kriminali**.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

## Livell ta' prova

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of***

***Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghanda tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-

imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz il-Qorti semghet hames (5) xhieda:

*PS 676 Edelon Spiteri (a* fol. *42 et seq.), Francis Anthony Page (a* fol. *48 et seq.), Dorianne Micallef (a* fol. *61 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a* fol. *68 et seq.) u Alice Peplow (a* fol. *74 et seq.).*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**Artikli 308 u 309 tal-Kapitlu 9**

Illi, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghall-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mentri Artikolu 308 jitratta frodi b'ghemil qarrieqi, Artikolu 309 jitratta kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq.

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dan ir-reat u cioe' l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dan sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dan ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dan ir-reat:

"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghall-Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].

Skont gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji ntqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede*

*inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"".*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

> "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> "….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust

> tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li ccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente"* (Cassazione Penale Sez. II 3 Ottobre 2006 n. 34179).

Illi, ghar-rigward ta' dan l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, cioe' **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la*

*realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dan ir-reat, ghalkemm l-element tar-*"raggiri"* jew l-*"artifizji"* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dan ir-reat, izda dan irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta *ossia* twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioé intiza jew preordinata sabiex il-persuna ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Ricentement il-Qorti tal-Appell, Il-**Pulizija vs. Aaron Mizzi** datata 15 ta' Jannar 2015 iddikjarat:

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi."*

Fil-kaz fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Anthony Bezzina**[3] deciz fit-22 ta' Settembru 2016 il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imhallef Edwina Grima ghamlet esposizzjoni shiha dwar it-tema in kwistjoni:

Issa sabiex jissussti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew

[3] Appell Nru. 256/2015

frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.

> ***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".***

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi.[4]"

[4] 22 ta' Frar 1993, App Krim Il-Pulizija vs Charles Zarb

Dwar l-element formali tar-reati ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

> ***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale".*** Biex imbaghad jissussisti dan it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[5]."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dan ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dan ir-reat, izda dan irid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-**Pulizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):

> ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li***

[5] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Il-**Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004)

*ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali ghandu jirrizulta illi huwa necessarju illi jigi ppruvat l-element tal-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa jkun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma.

Meta wiehed japplika dan it-taghlim ghal dan il-kaz fejn jidhol l-element materjali dan ma jirrizultax stante li ma kienx hemm la ingann wisq anqas raggiri jew artifizzji.

F'dawn il-proceduri mkien ma gie kkonfermat li gie operat xi apparat estern li sahhah il-kredibilita' tas-sitwazzjoni ffabrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma f'dan il-kaz Francis Anthony Page.

F'dawn il-proceduri la rrizulta l-ingann wisq anqas il-qerq min-naha tas-suġġett attiv biex jaghmlu l-qliegh a spejjez tas-suġġett passiv Francis Anthony Page.

Il-fatt li kien hemm mandat li ma ppermettiex li jsir it-trasferiment tar-registrazzjoni tad-dghajsa ma jikkostitwix ir-reati li bih jinsab mixli l-imputat. F'dan il-kaz jirrizulta li mart Joseph Micallef, Dorianne saret taf bil-mandat wara l-mewt ta' zewgha. Kienet din ir-raguni li kien hemm problema bit-trasferiment tad-dghajsa fuq Francis Anthony Page. Il-fatt

li l-kwerelant kellu jithabat biex id-dghajsa tinqaleb fuqu ma jikkostitwix reat kriminali u jekk kellu xi forma ta' ilment fil-konfront tal-imputat mhix din il-Qorti li tista' taghtih xi rimedju jew kumpens ghall-iskarigg li ha biex eventwalent sar it-rasferiment ghal fuq ismu.

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[6] dwar kif il-Qrati taghna m'ghandhomx jingarru mal-kurrent:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

**U hadd m'ghandu jistenna lil din il-Qorti li tkun ATM (*automated banking machine*) li tghafsilha l-buttuna u taghtik id-decizjoni li trid. Din il-Qorti filwaqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, tiddeciedi fuq il-provi migjuba fil-process u jekk tinstab htija tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi.**

**DECIDE:**

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat Jason Zammit hati tal-akkuzi**

---

[6] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

**kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**